# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IS-SEBA' LEGISLATURA

## LAQGĦA STRAORDINARJA - LAQGĦA NUMRU 31

20 t' April 2017

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' biex żamm din il-Laqgħa Straordinarja fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fl-4.00pm.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | (VB) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | ( AGS ) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI TAL-LAQGHA STRAORDINARJA**

Is-Sindku Davina Sammut Hili presediet din il-laqgħa straordinarja.

**31.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**31.1.1** Ma ġewx sottometi Ittri t' Apoloġija.

**31.2 TENDERS U KWOTAZZJONI**

Ġie deċiż li tissejjaħ din il-Laqgħa Straordinarja sabiex issir evalwazzjoni tar-rapporti sottomess mill-Bord tal-Aġudikazzjoni bil-għan li l-Kunsill jieħu deċiżjonijiet dwar tender u kwotazzjoni peress li kien qed jafas iż-żmien biex b' hekk il-Kunsill ikun jista jidderiġi ruhu aħjar. Dan il-Bord ried ukoll jressaq xi punti u jitlob awtoriżżazzjoni rigward l-Espresjoni t' Interess tal-Gabbana tal-Ġnien Re Ġorġ V u t-Tender għal-Servizz t' Avukat.

### 31.2.1 KWOTAZZJONI – HIRE OF CRASH BARRIERS – FLC/Q/01B/2017

Il-Bord tal-Aġudikazzjoni ppreżenta r-rapport tiegħu dwar din il-Kwotazzjoni fejn ġie ndikat li kien hemm żewġ offerti sottomessi, waħda minn A+ Building Co Ltd bil-prezz għall-prezz ta' €2744 u oħra minn AES bil-prezz ta' €4375.

Il-Bord tal-Aġudikazzjoni rrikomanda li l-offerta tingħata lil A+ Building Co Ltd peress li kienet l-orħos offerta waqt li dik sottomessa minn AES mhux biss kienet għola iżda wkoll kienet taqbeż il-budget allokat.

Tresqet mozzjoni mill- Viċi Sindku VB, li ġiet issekondonata mill-Kunsillier JAE, sabiex jittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport tal-Kumitat tal-Aġudikazzjoni u din l-offerta tingħata, bir-riżultat ikun :-

| | | | |
|---|---|---|---|
| Favur | - | 5 | (DSH, VB, JAE, AD, AGS) |
| Kontra | - | 0 | |
| Astensjonijiet | - | 0 | |

### 31.2.2 EXCLUSIVITY FOOD AND DRINK DURING THE NATIONAL FESTIVAL OF MECHANISED GROUNG FIREWORKS - TENDER FLC/T/1/2017

Il-Bord tal-Aġudikazzjoni ppreżenta r-rapport tiegħu fejn ġie ndikat li kienet ġiet sottomessa offeta waħda biss, dik minn Phyllis Persico bil-prezz ta' €2100.

L-offerti kienu mitluba li jkun 'l fuq minn €1000 biex setgħu jiġu kkunsidrati.

Il-Bord tal-Aġudikazzjoni għalhekk irrikomanda li l-offerta tingħata lil imsemmija Phyllis Persico peress li kienet aktar minn €1000 u l-unika l-offerta sottomessa.

Tresqet mozzjoni mill- Viċi Sindku VB, li ġiet issekondonata mill-Kunsillier JAE, sabiex jittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport tal-Kumitat tal-Aġudikazzjoni u din l-offerta tingħata, bir-riżultat ikun :-

| | | | |
|---|---|---|---|
| Favur | - | 5 | (DSH, VB, JAE, AD, AGS) |
| Kontra | - | 0 | |
| Astensjonijiet | - | 0 | |

### 31.2.3 TENDER FOR PROFESSIONAL SERVICES OF AN ARCHITECT AND CIVIL ENGINEER – FLORIANA LOCAL COUNCIL - FLC/T/02/2017

Il-Bord tal-Aġudikazzjoni ppreżenta r-rapport tiegħu dwar dan it-Tender fejn ġie ndikat li kien hemm erbgħa offerti sottomessi.

| | |
|---|---|
| Med Developers Designers and Consultants Ltd issottomettew offerta ta' | € 4865.00 |
| QMG issottomettew offerta ta' | € 5390.00 |
| ARC Studio Ltd issottomettew offerta ta' | € 7419.75 |
| EMDP issottomettew offerta ta' | € 8290.00 |

Għalhekk in vista ta' dawn l-offerti, il-Bord irrikomanda li l-offerta għanda tingħata lil Med Developers Designers and Consultants Ltd peress li din kienet l-orħos offerta ie €4865, tkopri l-kriterji kollha mitluba u ma kienitx taqbeż il-budget allokat.

Tresqet mozzjoni mill-Kunsillier JAE, li ġiet issekondonata mill- Viċi Sindku VB, sabiex jittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport tal-Kumitat tal-Aġudikazzjoni u din l-offerta tingħata, bir-riżultat ikun :-

| | | | |
|---|---|---|---|
| Favur | - | 5 | (DSH, VB, JAE, AD, AGS) |
| Kontra | - | 0 | |
| Astensjonijiet | - | 0 | |

**31.2.4 FLC/T/4/2017 - PROFESSIONAL SERVICES OF LEGAL CONSULTANT TO THE FLORIANA LOCAL COUNCIL**

Il-Bord tal-Aġudikazzjoni informa lill-Kunsill li waqt li kien qed jiġġudika dan it-Tender ħass li jkun utili li jiltaqa ma' dawk li ssotomettew offerta sabiex ikun f'pożizzjoni aħjar biex jasal għal rikommandazzjoni aktar ġusta. Għalhekk talab lill-Kunsill sabiex jawtorizża dan il-Bord li jiltaqa' mal-offerenti.

Il-membri preżenti qabblu ma' din il-proposta u awtorizżhom li l-Bord isejjaħ għall- *interview* lill-offerenti kollha.

**31.2.5 FLC/T/03/2017 - Lease of Kiosk in KGV Gardens**

Il-Bord tal-Aġudikazzjoni informa lill-Kunsill li waqt li kien qed jaġġudika din l-Espressjoni t' Interess ħass li kellhom jiġu ċċarati punti legali u dan billi jitolbu informazzjoni formali minn għand il-Pulizija kif ukoll parir legali mingħand l-Avukat tal-Kunsill, fil-parametri tad-Data Protection Act.

Għalhekk talab lill-Kunsill sabiex jawtorizża li dan il-Bord ikun jista jikkomunika mal-Pulizija u mal-Avukat tal-Kunsill biex jiġu ċċarati l-punti mressqa.

Il-membri preżenti qabblu ma' din il-rikjesta u awtorizżhom li jikkomonikaw mal-Pulizija u mal-imsemmi Avukat.

**31.3 TMIEM TAL-LAQGĦA**

**31.3.1** Il-laqgħa ntemmet fil-5:00pm.

**Minuti konfermati llum 8 ta' Mejju 2017.**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMARI |
| DAVINA SAMMUT HILI | M' LOURDES LAUTIER |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |